TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Ylenia Peresso

vs

Ventur Motor Centre Co. Ltd (Mosta)

CCT 28/17/MS

17 ta' Settembru 2018

It-Tribunal

Ra t-talba tar-rikorrenti pprezentat fit-3 ta' Frar 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €2,000 - prezz zejjed illi hija kienet kostretta li thallas fuq licenzja tal-karrozza peress illi skond hi ma kentitx fil-pusess tal-informazzjoni kollha biex taghmel decizjoni infurmata dwar ix-xiri o meno tal-vettura kif ukoll ghal prezz ta' *parts* tal-karrozza illi kellhom bzonn jinbidlu.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata fejn cahdet it-talbiet rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u li qalet li fl-ebda hin qabel il-bejgh ma kien hemm xi tip ta' diskussjonijiet dwar kemm hi l-ammont tal-licenzja, u jekk kien hemm xi malintiz, dan ma kienx tort tieghu peress illi lanqas hu ma kien edott mill-fatti tal-iskema l-gdida tal-licenzji u min seta' jibbenefika u min le.

Ra illi fil-15 ta' Mejju 2017 it-Tribunal ordna l-kjamat fil-kawza tal-Awtorita' Transport Malta.

Ra r-risposta tal-Awtorita prezentata fl-1 ta' Gunju 2017.

Ra d-digriet tat-3 ta' Awwissu 2018 fejn wara li rrevoka *contrario imperio* id-digriet precedenti, ordna li Transport Malta jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-atti kollha tal-process

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex kontestat illi f'Awwissu tal-2015 ir-rikorrenti xtrat karrozza *second hand* (YLN 886 - Toyota Auris) minghand is-socjeta intimata ghall-prezz ta' €9,000. Ir-rikorrenti tghid illi hi kienet minghaliha li qed tixtri karrozza bil-licenzja baxxa (€166.00), pero' eventwalment skopriet illi l-licenzja kienet tiswa iktar (€324.00) Wara diversi indagini, ir-rikorrenti u l-intimat skoprew illi l-karrozza kienet registrata gdida f'Mejju 2008 u ad insaputa taghhom, l-ewwel sid tal-karrozza kien applika biex il-karrozza taqa' taht skema gdida (bbazata fuq emissjonijiet u mhux cilindrata tal-magna) u b'hekk ha rebate fit-taxxa. Fil-fatt, la r-rikorrenti u l-anqas l-intimat ma kienu konsapevoli ta' dan u ghall-ewwel kien hemm certa kooperazzjoni bejniethom. Ir-rikorrenti ghall-ewwel adixxiet lil Ombudsman fuq ilment kontra Transport Malta, izda permezz ta' email datat 15 ta' Lulju 2016, l-ilment taghha ma giex milqugh mill-Ombudsman. Kien ghalhekk illi fit-3 ta' Frar 2017 adixxiet dan it-Tribunal.

Ikkunsidra

Jibda biex jinghad illi l-ewwel sid tal-vettura kellu kull dritt, skond ir-regolamenti vigenti dak iz-zmien jitlob refuzjoni ta' ammont ta' taxxa meta qaleb minn skema ghall-ohra. It-talba tieghu giet milqugha minn Transport Malta, sar il-hlas u ma kien hemm xejn irregolari f'din it-talba u pagament. Meta l-karrozza inxtrat mill-intimat, l-ewwel sid ma kellu l-ebda obbligu illi jinfurmah bir-rifuzjoni li kien ircieva minn transport Malta u wisq anqas din ta' l-ahhar kellha xi obbligu li tizvela tali informazzjoni. Is-socjeta' intimata, bhala kumpanijia tinnegozja vetturi second hand ikollha certa beneficcji meta tigi fil-pussess ta' vetturi sabiex dawn jergghu jinbieghu lil terzi. Spetta ghal dan tal-ahhar biex umbaghad jaghmel il-verifiki u jara xi hlasijiet ikun hemm dovuti fuq il-karrozza li jkun ser jixtri. Hemm diversi skemi ta' hlasijiet li jiddependu kemm mic-cilindrata kif ukoll mill-emissjonijiet u t-Tribunal jifhem li dawn jistghu jkunu daqsxejn kumplikati ghal min ma jkunx intiz fihom. Pero', Transport Malta dejjem lesta li taghti l-informazzjoni meta xi klijent jitlobha.

Li gara f'dan il-kaz kien illi z-zewg partijiet assumew illi kien hemm certa taxxa dovuta fuq din il-karrozza, liema taxxa kienet anqas minn dak li effettivament kienet. Hadd minnhom, wisq anqas ir-rikorrenti, ma ghamlu l-verifiki qabel dwar liema taxxa annwali kienet tapplika. Ir-rikorrenti ghamlet dan l-esercizzju sena wara li xtrat il-karrozza u baghtet email fejn talbet informazzjoni dwar licenzja dovuta fuq karrozza kompletament differenti minn dak li kellha. (DBP873 - Peugeot). Irceviet risposta xahrejn wara li talbitha minn Transport Malta. Dana juri illi r-rikorrenti kienet kapaci taghmel il-verifiki li hemm bzonn sabiex ikollha informazzjoni li riedet u taghmel decizjoni infurmata tixtrix il-vettura jew le. Jekk ilmentat li Transport Malta damet xahrejn biex tirrispondi l-email, xejn ma kien izommha li tmur personalment u tiehu l-informazzjoni dak il-hin stess. Minn dan kollu ma ghamlet xejn, biex imbaghad kienet rinfaccjata b'sorpriza meta giet biex thallas il-licenzja tat-triq.

Fuq dan, it-Tribunal jisimpattiza li forsi kienet daqsxejn frustranti li Transport Malta hadet iz-zmien biex wegbitha pero' ma jistax jinghad kemm kienet se ddum ir-risposta kienu r-rikorrenti ghamlet it-talba taghha sena qabel - u cjoe' qabel illi xtrat il-karrozza mertu ta' din il-kawza f'Awwissu 2015. Pero' fuq dan id-dewmien, zgur ma tahtix is-socjeta' intimata. Ir-rikorrenti xtrat vettura f'kondizzjoni tajba, b'terminu ta' garanzija. Rat x'kienet qed tixtri u hadet propju dak li hallset ghalih. Mix-xhieda taz-zewg partijiet, fl-ebda hin ma qamet domanda jew diskussjonijiet dwar kemm kellha tkun il-licenzja annwali tal-vettura. Dan kien jinkombi fuq ir-rikorrenti bhala xerrej biex tivverifika qabel ma tixtri l-vettura. Hawnhekk ir-rikorrenti naqset bil-kbir ghax kellha tiehu hsieb hi biex tassikura illi kienet ser tiflah ghall-ispejjez tal-licenzja. Kif ighid id-dritt Latin 'Caveat Emptor' - (.Let the buyer beware) - fl-ahhar mil-ahhar ix-xerrej huwa resposabbli biex jivverifika l-kwalita' u l-idonejita' (suitablitliy) ta' dak li qed jixtri. U ghalhekk fuq dan zgur ma ghandha l-ebda responsabbilta' s-socjeta' intimata.

Illi rigward l-allegazzjonijiet ta' *parts* illi r-rikorrenti qalet illi kellhom bzon jinbidlu jew li kienu difettuzi, ir-rikorrenti ma gabet l-ebda prova dokumentarja biex tissostanzja din l-allegazzjonijiet u lanqas irreferiet ghal dan fix-xhieda taghha u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jaghtiha piz.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru